MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2008

Rikors Numru. 29/1999/1

**Agent Kummissarju ta’ l-Artijiet**

**vs**

**Anna Said**

Il-Bord

Ra r-rikors tal-Kummissarju tal-Art tal-4 ta’ Gunju 1999 li jghid:

“Illi l-initmata giet notifikata b’Avviz ghall-Ftehim datat 11 ta’ Novembru, 1998 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera tal-bicca art fil-Mosta tal-kejl ta’ 1299 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma’ Triq Pubblika, mill-Lbic ma’ propjeta’ ta’ Anna Said u mill-Majjistral ma’ proprjeta’ ta’ Carmelo Sant huwa ta’ tmien mija u sebghin Lira Maltija (Lm870.00) kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred

H. Valentino A.&C.E tal-4 ta' Mejju, 1998 li kopja tieghu Dok A huwa anness ma' l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b'ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru, 1998 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta' sitt elef u mitejn Lira Maltija (Lm6,200).

Ghaldaqstant ir-rikkorent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-bicca art fil-Mosta fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88)."

Semgha x-xhieda bil-gurament;

Semgha lid-difensuri tal-parijiet u ha in konsiderazzjoni is-sottomissjonijiet taghhom formanti parti minn dawn l-atti;

Ikkunsidra:

Illi l-membri teknici tal-Bord l-Perit AIC Joseph Mizzi u l-Perit AIC David Pace wara li hadu konjizzjoni tal-fatti kollha tal-kaz waslu ghas-segwenti konkluzzjonijiet skond id-decide taghhom li hija annessa ma' din is-sentenza:

Wara illi ikkunsidraw dana kollu, kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta) u partikolarment l-artikolu 27, huma tal-opinjoni illi l-proprjeta in kwistjoni ghandha tigi stmata bhala proprjeta agrikola, u li il-valur tal-istess proprjeta kif deskritta fid-dokumneti esebiti, ghandu jigi iffissat fl-ammont ta' tlett elef erba mija u hamsin lira maltin (Lm3450).

Illi l-ammont ta’ Lm3450 illum huwa ekwivalenti ghall-Euro 8036.34;

Illi ai termini tal-artikolu 25(5) tal-Kap 88, la darba l-membri teknici tal-Bord ikunu waslu ghal valutazzjoni unanima c-Chairman ghandu jakkolji dik il-valutazzjoni u jiddetermina l-kawza fuq dak il-valur. Il-Bord ra in-nota ferm studjata u interessanti tal-intimat u ha ukoll konjzzjoni tax-xhieda li turi li din l-art, minkejja li hija art agrikola hija fil-qalba tal-intraprizi kummercjali involuti fit-tkabbir tal-gheneb u tkabbir u bejgh ta’ pjanti. Izda minkejja li pajjizi ohra msemmija fin-nota su riferita, jistghu jkollhom disposizzjoni ta’ ligi differenti minn taghna f’dan ir-rigward, kif jidher li hu l-kaz, l-Kap 88 jobbliga lill-Bord sabiex joqghod fuq l-istima maghmula mill-membri teknici tieghu;

Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimati jitrasferixxu bhala libera u franka b’titolu ta’ xiri assolut, l-bicca art fil-Mosta tal-kejl ta’ 1299 metri kwadri li tmiss mill-Grigal ma’ Triq Pubblika, mill-Lbic ma’ propjeta’ ta’ Anna Said u mill-Majjistral ma’ proprjeta’ ta’ Carmelo Sant bil-kumpens ta’ Euro 8036.34. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fis-26 ta’ Frar, 2008 fit-3.00pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Marco Ciliberti biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differrenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------